MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2009

Numru. 23/2009

**Il-Pulizija**
**(Spettur Trevor Micallef)**

**vs**

**Gustino Abadu Habib**
**Omissis**

Kumpilazjoni Numru: 29/2009

**Illum, 29 ta' Jannar, 2009,**

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Gustino Abadu Habib ta` 25 sena, iben genituri mhux maghrufa, imwieled 11 ta` Marzu 1984 gewwa Palestina, residenti gewwa Caruana House, Triq San Tumas, Hal Luqa, numru tal-passaport mhux maghruf.

u

omissis

Akkuzati talli f`dawn il-Gzejjer fil-11 ta` Jannar 2009 ghal habta ta` 01:00hrs gewwa San Giljan:-

Fil- konfront ta’ Giustino Abadu Habib biss:

1. Ikkometta serq ta` kamera tar-ritratti ghad detriment ta` persuna mhux maghrufa liema serq huwa aggravat bil-hin.

Fil- konfront ta’ Giustino Abadu Habib u omissis:

2. Attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b`hebb kontra PC 1078 Mario Ciantar, PC 1240 Joseph Camilleri u PC 385 Emanuel Dalli, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall- esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

3. Ingurjaw, heddew jew ghamlu offiza fuq il-persuni ta` PC 1078 Mario Ciantar, PC 1240 Joseph Camilleri u PC 385 Emanuel Dalli, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qeghdin jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzaghhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta` dak is-servizz.

4. Ikkagunaw feriti ta` natura hafifa fuq il-persuna ta` PC 1078 Mario Ciantar, PC 1240 Joseph Camilleri persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita kompetenti.

Fil- konfront ta’ omissis wahdu:

5. Talli fl istess hin, lok u cirkostanzi b`nuqqas ta` hsieb jew ta hila jew traskuragni hassar, ghamel hsara jew

gharaq hwejjeg haddiehor, mobbli u cioe` nuccali tal-vista ghad-dannu ta` PC 1078 Mario Ciantar.

Fil- konfront ta' Giustino Abadu Habib u omissis flimkien:

6. Volontarjament kisru il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku b`ghajjat u glied.

7. Ma obdewx l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija, persuni inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixkluhom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b`mod iehor, bla jedd, indahlu fi dmirijiethom billi ma hallewx lil haddiehor jaghmel dak li b`ligi jkun ordnat jew jista` jaghmel, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi, jew b`xi mod iehor.

8. Talli f`lok pubbliku jew f`lok espost ghal pubbliku kontu fis-sakra b`tali mod li ma stajtux tiehdu hsieb lilkom infuskom.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja, u li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-artikoli 95, 96, 221, 222, 261(f), 270, 328(d), 338(dd), 338(ee), 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat ix-xhieda.

Rat id-dokumenti esebieti.

Rat il-verbal ta'l-udjenza mizmuma nhar id-29 ta' Jannar 2009 meta l-ufficjal prosekutur ikkjarifika li l-ewwel imputazzjoni hija migjuba fil-konfront ta'l-imputat Gustino Abadu Habib biss, il-hames imputazzjoni hija migjuba kontra l-imputat omissis biss u l-imputazzjonijiet l-ohra huma migjuba kontra z-zewg imputati flimkien.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma dak in-nhar stess kull wiehed mill-imputati ammetta dawk l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghat it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati kommessi u min-naha l-ohra l-ammissjoni ghalkemm mhux f'l-aktar stadju bikri tal-proceduri, il-fatt li l-oggett misruq gie lura fil-pussess ta' sidu, l-fedina penali ta'l-imputati li hija netta, u l-eta ta' l-imputat Avadi li fil-fatt ghadu minorenni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti

U wara li rat l-artikoli 95, 96, 221, 222, 261(f), 270, 338(dd), 338(ee), 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Gustino Abadu Habib** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah sebgha (7) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal sentejn.

U wara li rat l-artikoli 37, 95, 96, 221, 222, 328(d), 338(dd), 338(ee), 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **omissis** hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u taghhom tikkundannah xahrejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kap 9 qed jigu sospiezi ghal sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem ordinarju r-responsabbilta taghhom u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fil-perjodu ta' sentejn fuq imsemmi.

Peress li l-imputat omissis huwa minorenni l-Qorti tordna d-diviet mill-publikazzjoni ta' ismu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------